# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 22 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1569/00 AJD*

Grima Communications Ltd.

vs

CTB Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Awissu, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u tmenin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm82.51) rapprezentanti bilanc dovut fuq pakkett ta' reklami li s-socjeta' konvenuta ordnat fuq l-istazzjon propjeta' tas-socjeta' attrici Live FM.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lynn Zahra li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u tmenin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm82.51).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR